MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-3 ta' Jannar, 2008

Numru 658/2001

**Il-Pulizija**
**Spettur Carmelo Magri**
**V**

**JOSEPH SCERRI**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **JOSEPH SCERRI** ta' tmienja w tletin sena bin Joseph u Mary nee Azzopardi, imwieled H'Attard nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Frar 1968 u joqghod 23, Triq Santa Marija, Hamrun, detentur tal-karta tal-identita numru 169168M, gie imressaq quddiemha akkuzat:

1. talli fil-wiehed u tletin ta' Mejju 2006, fi Triq Mimosa, Hamrun, ghal habta tal-hdax u nofs ta' filghodu, ikkommetta serq ta' stereo tal-marka Ultravox

minn vettura tal-ghamla Toyota Starlet bin-numru ta' registrazzjoni EBG 528 ghad-dannu ta' Samuel Dalli minn Haz Zabbar, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur li ma jeccedix l-elf lira maltin u bix-xorta tal-haga misruqa.

2. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, voluntarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli ghad-dannu tal-istess Samuel Dalli, liema hsara tammonta ghal izjed minn hamsin lira maltin izda ma tiskorrix l-hames mitt lira maltin.

3. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, xjentement laqa ghandu hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk f'Malta jew barra minn Malta jew xjentement b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

4. Talli sar recidiv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289(1) tal-Kap 9 tal-Ligjiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawza w d-dokumenti kollha esibiti fosthom l-kunsens tal-Avukat Generali esibit fl-atti bhala dokument CSH 2 (fol 8) sabiex fin-nuqqas t'oggezzjoni da parti tal-imputat dawn il-proceduri jitmexxew sommarjament.

Semghet lil imputat Joseph Scerri jiddikjara li ma kellhux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta fis-seduta tal-erbatax ta' Lulju 2006 meta sar l-ezami ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat Joseph Scerri kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar t-tlieta ta' Jannar 2008 (fol 77).

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputat wiegeb li hu hati din l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk irid

jerga lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Rat meta gew inizjati dawn il-proceduri u cioe fis-sebgha (7) ta’ Lulju 2006 u li l-imputat dam iktar minn sena biex jirregistra l-ammissjoni ghall-akkuza tieghu.

Rat ukoll is-sentenza moghtija mill-Qorti f’din l-istess kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Jesmond Portelli li nghatat fl-erbatax ta’ Lulju 2006 fejn l-istess akkuzat f’dik il-kawza Jesmond Portelli kien nghata sena prigunerija u dan fuq ammissjoni ta’ l-imputat stess.

Semghet lill-prosekuzzjoni tghid li t-tielet akkuza nghatat b’mod alternattiv ghall-ewwel akkuza u ghal daqstant il-Qorti tiddikjara li qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta’ din l-istess tielet akkuza.

Ghaldaqstant fic-cirkostanzi, wara li rat u kkunsidrat il-fedina penali ta’ l-imputat esebita f’dawn l-atti bhala Dok CSH 3 a fol 9 et seq tal-process, rat li l-imputat ghandu fedina penali kulurita hafna u dan nonostante l-imputat baqa’ fit-triq tal-kriminalita.

Ghaldaqstant **il-Qorti**, wara li rat l-artikoli tal-ligi, partikolarment l-artikoli 49 u 50, 289(1), 279A, 280(1), 325(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta **tiddikjara li qed ssib lill-imputat JOSEPH SCERRI hati ta’ l-ewwel zewg akkuzi kif inkorporati u tikkundannah ghall-piena karcerarja ta’ sena u nofs, filwaqt li tiddikjara li qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet akkuza**.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------